Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Avviz Numru. 320/2010

**R.J. Co. Ltd**
**vs**
**Simon Borg u Clare Borg**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ Settembru 2010, permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma t’erbat elef disgha mija w tlieta w tletin Ewro (€4,933) rapprezentanti bilanc minnhom dovut wara xoghol esegwit fuq talba taghhom fil-proprjeta’ taghhom, u dan wara li jekk ikun hemm bzonn issir dikjarazzjoni li huma debituri taghha fl-ammont t’erbat elef disgha mija w tlieta w tletin Ewro (€4,933).

Bl-imghax u bl-ispejjez tal-ittra bonarja datata 19 ta’ April 2010 u tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A kontra taghhom. Il-konvenuti huma ingunti in subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentati fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru 2010 fejn eccepew is-segwenti:-

*1. L-ammont dedott fic-citazzjoni bhala li huwa dovut mill-konvenuti ma huwiex effettivament dovut u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*a. Il-valur tal-kuntratt ta' l-appalt ma kienx dak li s-socjeta' attrici qieghda tghid li kien, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.*

*b. In oltre s-socjeta' attrici naqset mill-obbligi taghha kemm legali w kemm kuntrattwali, bil-konsegwenza li barra li sehh ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, l-istess l-konvenuti batew spejjez u danni.*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-affidavit ta' Raymond Camilleri esebit nhar l-1 ta' Dicembru 2010 (fol. 11), fejn huwa kkonferma li kien dahal fi ftehim mal-konvenuti sabiex ipoggi *parquet* fil-flat taghhom gewwa il-MIDI Tigne', u dan skond id-dokument immarkat bhala Dok RJ.

Jispejga illi l-ftehim kien fis-sens li l-konvenuti kellhom ihallsu s-somma ta' sitt liri Maltin (LM6) fis-siegha eskluz il-VAT lil kull haddiem li jahdem fil-flat taghhom. Jghid li l-ammont ta' *working hours* kien ta' tliet mija w erbgha w tletin (334) siegha.

Jikkonferma li bhala ammont ta' *parquet* s-socjeta' attrici ghamlet xoghol fl-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija w disgha w disghin Ewro (€15,699), liema ammont gie mhallas mill-konvenuti, pero' kien ghad hemm bilanc ghal seba' metri (7mtrs) li l-konvenuti kienu ghadhom ma hallsux ghalihom.

Jghid ukoll li skond il-ftehim fuq citat hemm imnizzel li l-*hiring of tools* u *material for finish* ma kienx inkluz u l-ammont dovut in konnessjoni mal-istess kirja ta' *sanders*

u s-seba’ metri ta’ *parquet* zejda kien jammonta ghal sebat elef mija w tlieta w tletin Ewro (€7,133). B’hekk jikkonferma li l-bilanc dovut lilu skond s*tatement* datat 16 ta’ Frar 2010 esebit fl-atti w immarkat bhala Dok RJ2 huwa proprju dak ta’ sebat elef mija w tlieta w tletin Ewro (€7,133), pero’ minnu jrid jitnaqqas id-depozitu li sar mill-konvenuti fl-ammont t’elfejn u mitejn Ewro (€2200) fil-bidu tal-ftehim.

In oltre jirrileva li x-xoghol kien beda f’Settemrbu 2009 u tlesta f’Jannar 2010. Qal li f’nofs ix-xahar ta’ Frar 2010 il-konvenut Simon Borg kien baghatlu SMS u qallu *“ you did a great job. See you in February because I am abroad”.* Wara dan il-messagg huwa kien talbu l-bilanc dovut, u cioe’ erbat elef disgha mija w tlieta w tletin Ewro (€4,933), izda l-konvenuti ma bdewx iwegbuh. Darba minnhom il-konvenuta staqsietu jekk il-konvenut kienx tassew ghad baqghalu xi kont mieghu, u huwa kien ghaddielha l-kont u hija ffirmatu. Wara kien kiteb ittra bl-avukat u kellhom sahansitra anke laqgha, w f’din il-laqgha l-unika haga li ssemmiet kienet il-kwistjoni tal-hlas tal-VAT. Qatt ma gie allegat li kien hemm ksur tal-ftehim.

Rat illi fis-seduti tas-16 ta’ Marzu 2011 u tat-30 ta’ Marzu 2011. il-konvenuti ma dehrux sabiex iressqu l-provi taghhom, u ghalhekk il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza in difett d’ostakolo.

Illi mill-provi prodotti jirrizuta, minn dak li xehed Raymond Camilleri, li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma reklamata fir-rikors promoter, kif spjega tajjeb fix-xhieda tieghu fuq indikata, u dawn ghadhom ma hallsux.

Illi l-provi tas-socjeta’ attrici ma gewx kontestati.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, taqta’ w tiddeciedi l-kawza, billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici w tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, b’dan illi tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef disgha mija w tlieta w tletin Ewro (€4,933).**

**Bl-imghax mid-data tal-ittra bonarja datata 19 ta’ April 2010.**

**L-ispejjez tal-kawza, inkluz dawk tal-itta bonarja datata 19 ta’ April 2010 u tal-ittra ufficcjali maghmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti *in solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------